**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**<u>Seduta ta' nhar it-Tlieta 30 ta' Gunju 2020;</u>**

**<u>Rikors nru: 135/2020 AGV ;</u>**

**AB**

**Vs**

**CD gja' B**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB,** datat 19 ta' Mejju 2020, fejn espona bir-rispett;

1. Illi l-kontendenti zzewwgu f' Malta fil- 11 ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014), liema zwieg huwa registrat mir-Registru Pubbliku bin-numru progressiv 1,111/2014, u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok. A;
2. Minn daz-zwieg il-partijiet kellhom tifel, ossija EB, li twieled f' Malta fit-3 ta' Ottubru 2009 u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat Dok. B;

3. Il-partijiet infirdu legalment in forza ta' kuntratt in atti tan-nutar Dr. Amanda Grech datat 12 ta' April 2017, li kopja tieghu tinsab hawn annessa u mmarkat Dok C. Il-kontendenti pero' ilhom mifruda de facto sa mix-xahar ta' Mejju tas-sena 2016.
4. Ma hemm ebda prospett regenevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti.
5. Anqas ma hemm pendenza ta' manteniment, u l-att ta' separazzjoni personali qieghed jigi osservat fl-interie tieghu.
6. Dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-ligijiet ta' Malta.
7. Il-partijiet huma domiciljati Malta u dejjem kienu ordinajament residenti go Malta.

Ghaldaqsant, l-espoenenti umilment jitlob lil dina Onorabbli Qorti joghgobha;

a. Tippronuznja d-divorzju ossija hall taz-zwieg ikkontrattat bejn il-partijiet fil- 11 ta' Lulju 2014.
b. Tordna lir-registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn dina il-Qorti javza lid-direttur rar-registru pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-registru pubbliku.
c. Tqassar ai termini tal-artikolu 243 tal-kap. 12 tal-ligijiet ta' Malta iz-zmien ghall-prezentata ta' kull skrittura tal-appell quddiem il-Qorti fi grad ta' appell.

**Il-Qorti rat ir-risposta ta' CD datata 26 ta' Gunju 2020, fejn esponiet bir-rispett;**

1. Illi hija taghti ruhha b’ notifikata bir-rikors u bl-avviz ta’ smiegh tal-kawza odjerna.
2. Illi hija ma toggezzjonax ghat-talba tar-rikorrenti sabiex iz-ziweg taghhom jigi dikjarat mahlul u dan ai termini tal-artikolu 66 A et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.
3. Illi huwa minnu li l-partijiet sseparaw legalment ai termini tal-kuntratt tas-seperazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr Amanda Grech datat 12 ta’ April 2017.
4. Illi l-partijiet ilhom ma jghixu taht l-istess saqaf ghal izjed minn erba’ snin.
5. Illi hija tikkonferma li issa ma hemmx arretrati tal-manteniment x’ jithllasu lilha ghat-tifel taghhom EB stante li ghadha kif thallset is-somma minima li kien hemm pendenti, rapprezentanti iz-zieda tal-gholi tal-hajja ta’ dal-ahhar tlett snin.
6. Illi ma hemmx tama ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.
7. Illi tikkonferma li hija domiciljata u residenti hawn Malta.
8. Illi hija ma toggezzjonax ghat-talba tar-rikorrenti sabiex jigi mqassar it-terminu tal-appell.
9. Illi tecepixxi umilment li l-ispejjez ghandhom ikunu bla taxxa.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa’ t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**